# QORTI TAL-APPELL

## IMHALLFIN

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 13 ta' Lulju 2020**

**Numru 4**
**Rikors numru 1050/13 SM**

**Norman Cutajar u martu Martha Cutajar**

**v.**

**Farr Limited (C 1402) u b'digriet tat-22 ta' Mejju 2018 is-socjeta` MTA Properties Limited assumiet l-atti tal-kawza minflok Farr Limited**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-kumpanija intimata minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Ġunju, 2014 (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") fil-kawża fl-ismijiet premessi li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti wara li ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-kumpanija intimata, laqgħet it-talbiet attriċi billi illikwidat is-somma li trid titħallas għall-fidi ta' ċens fuq medda ta' għaxar metri kwadri (10m$^2$) tal-art miżmuma b'enfitewsi u ordnat il-pubblikazzjoni tal-att nutarili relattiv;

2. Fl-att li bih fetħu l-kawża, l-atturi talbu li l-ewwel Qorti (i) tillikwida l-korrispettiv dovut lill-kumpanija intimata a bażi tal-patt tlieta (3) tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar tat-22 ta' Frar, 1989, relattiv għall-porzjoni art ta' għaxar metri kwadri; (ii) tikkundanna lill-kumpanija intimata sabiex tirċievi mingħand l-atturi l-korrispettiv miftiehem, tersaq għall-kuntratt opportun tat-trasferiment tar-rimanenti żmien tad-dirett dominju temporanju u tal-proprjetà sħiħa u libera; u (iii) taħtar Nutar sabiex jippubblika l-att opportun u kuratur sabiex jirrappreżenta l-eventwali kontumaċi, kif ukoll tiffissa ħin, lok u jum għall pubblikazzjoni tal-kuntratt. Talbu wkoll l-ispejjeż;

3. Fit-Tweġiba Maħlufa mressqa minnha, il-kumpanija intimata warrbet it-tabiet attriċi u qalet li (i) m'għandha ebda rabta ġuridika mal-atturi li tobbligaha tbegħelhom l-art proprjetà tagħha; (ii) il-wegħda ta' bejgħ ma ġietx reġistrata skont il-liġi u għaldaqstant hija nulla; (iii) skont il-kuntratt, l-intimata m'għandha ebda obbligu la fil-konfront tal-Kurja u wisq anqas fil-konfront ta' terzi; (iv) l-atturi eżerċitaw id-dritt tagħhom[1], eżerċitawh ħażin u għal tali żball *imputet sibi*; (v) il-kwistjoni ġiet stabbilita mill-Qorti tal-Appell[2] li ordnat l-iżgumbrament tagħhom minn fuq l-art

[1] B'riferenza għall-kuntratt pubbliku tal-4 ta' Ottubru, 2007, li bih l-atturi kisbu d-dirett dominju temporanju u l-proprjeta għaż-żmien ta' wara l-għeluq tal-konċessjoni enfitewtika
[2] B'riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-25.10.2013 fil-kawża fl-ismijiet ***Norman Cutajar et v. Farr Ltd*** (Rik. Nru. 448/06)

mertu tal-kawża; u (vi) id-dritt pretiż ma jistax jiġi eżerċitat għaliex ma hemmx prezz ċert;

4. Illi biex waslet għall-imsemmija deċiżjoni tat-12 ta' Ġunju 2014, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "*8. Illi tirrileva u tissottolinea li l-procedura odjerna hi fuq porzjon art t'estensjoni ridotta ta' għaxar metri kwadri (10m$^2$);*
>
> *"9. Illi di piu' tirrileva u tissottolinea wkoll li din l-istess procedura hi naxxenti minn kuntratt li jmur lura għat-22 ta' Frar, 1989;*
>
> *"10. Illi finalment tirrileva u tissottolinea wkoll li l-vertenza in dizamina già giet determinata kurjalment fejn jirrizulta pacifiku li anke il-Qorti tal-Appell esponiet il-pozizzjoni finali taghha fir-rigward;*
>
> *"11.0 Illi fis-sentenza taghha datata l-25 t'Ottubru, 2013, il-Qorti tal-Appell sintetikament stabbiliet is-segwenti:*
>
> *"11.1 Illi l-linja divizorja li indikat l-art l-mertu tal-procedura odjerna kienet wahda ragonevolment deciza mill-ewwel qorti u hi ibbazata fuq evidenza oggettiva;*
>
> *"11.2 Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-kuntratt datat l-1993, (ara foll 42), jirrizulta li dan ma jitkellimx fuq trasferiment ta' dirett dominju izda fuq bejgh ta' proprjetà, (ara foll 42);*
>
> *"11.3 Illi l-Kurja ma setgħetx tbigh proprjetà li ma kienitx taghha, (ara foll 42)'*
>
> *"Ikkunsidrat:*
>
> *"12.0. Illi fir-rigward tal-porzjon art mertu tal-procedura odjerna l-istess Qorti tal-Appell issostni s-segwenti fl-istess sentenza fuq indikata:*
>
> *"12.1. Illi bil-kuntratt datat 2007, (ara paragrafu numru wiehed punt hdax, (1.11.), aktar qabel, ir-rikorrenti Cutajar ma "fdewx" ic-cens de quo izda xtraw id-dirett dominju, (ara foll 43);*
>
> *"12.2. Illi pero` l-istess Qorti tal-Appell tirrimarka is-segwenti:*
>
>> *"Strettament, ic-cens ma setax jinfeda la ma kienx perpetwu. Ghalhekk id-dritt jew obbligu li kellhom l-atturi taht il-patt numru 12 tal-kuntratt tal-1989 aktar ghandu min-natura ta' weghda ta' bejgh milli min-natura ta'*

> *fidi. Weghda ta' bejgh ma taghtix ius in re: il-bejgh li min wieghed ikun ghamel lil terzi minkejja l-weghda jkun jiswa, u min jixtri ma jkunx marbut bil-weghda. Ir-rimedju tal-atturi m'humiex dak li qeghdin jippretendu llum izda, jekk ikun il-kaz, azzjoni ta' garanzija kontra l-amministratur tal-beni ekklesjastici jew, wkoll jekk ikun il-kaz, azzjoni pawljana biex fl-interess taghhom jithassar dak li sar bi ksur tal-weghda ta' bejgh, (ara* ***Marco Bongailas vs. John Magri et, Qorti tal-Appell, 15 ta' Jannar, 2002****)";*

*"12.3. Illi fir-rigward tal-porzjon limitat t'art meritu tal-procedura odjerna, il-Qorti tal-Appell de quo qalet li l-aggravji hemm ezaminati:*

> *"...ma jolqtux ... fejn l-ewwel qorti ordnat l-izgumbrament tal-konvenuta, billi l-utili dominju li ghandhom l-atturi sakemm jaghlaq fil-21 ta' Frar, 2014, jaghtihom jedd ghall-pussess wehedhom tal-art kontestata u ghalhekk ghall-izgumbrament tal-konvenuta", (ara foll 44);*

*"Ikkunsidrat:*

*"13. Illi stabbilit is-suespost din il-procedura bl-ebda mod ma tista` tigi uzata bhala appell minn appell li allura jkun gia` ghadda u jkun gia fi stat ta' gudikat;*

*"14. Illi ghalhekk din il-qorti hi prekluza milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-procedura;*

*"Ikkunsidrat:*

*"15. Illi rigward it-termini specifikat ta' Frar 2014, rizultanti mill-kuntratt in dizamina` u mill-istess Qorti tal-Appell fuq riferita ghandu jinghad li l-istess perjodu ghandu jitqies bhala sospiz u iffrizat, tenut kont tal-procedura odjerna li kienet wahda verament celeri;*

*"Ikkunsidrat:*

*"16.0 Illi tenut kont tas-suespost ghandu ukoll sintetikament jigi rilevat is-segwenti fil-konfront tar-risposti intavolati mis-socjeta` intimata:*

*"16.1. Illi nonostante li kwistjoni giet sollevata mill-istess socjeta`, tenut kont tar-rabta kontrattwali ezistenti fuq riferita u tal-proceduri gia` esperiti mill-kontendenti fir-rigward, ghandu jkun pacifiku li tezisti rabta guridika bejn il-kontendenti;*

*"16.2. Illi fir-rigward tal-allegazzjoni tas-socjeta` intimata li l-promessa tal-bejgh hi nulla ghaliex ma gietx registrata hi biss allegazzjoni u xejn aktar stante li s-socjeta` intimata ghazlet li ma tipprezenta l-ebda provi in sostenn tal-vari tezijiet taghha, (ara foll 125);*

*"16.3. Illi ai termini tal-kuntratt datat it-22 ta' Frar, 1989, rikonoxxut ukoll mill-Qorti tal-Appell fid-decizjoni taghha datata l-25 t'Ottubru, 2013, fuq riferita, jorbot lill-partijiet kollha hemm partecipi;*

> *"16.4. Illi rigward ir-risposta tas-socjeta` intimata li issa il-vertenza ghaddiet in gudikat jinghad li kienet l-istess Qorti tal-Appell li ddeterminat konklussivament il-vertenza illum in dizamina` mill-gdid quddiem din il-qorti u din l-istess qorti hi marbuta mid-direzzjoni decizjonali hemm esperita;*
>
> *"16.5. Illi fir-rigward tal-allegat prezz in konsiderazzjoni jew tac-cens de quo wkoll baqghet fil-livell inkonsekwenzjali t'allegazzjoni stante li l-ebda prova ma ingiebet fir-rigward*";

5. Illi l-kumpanija intimata (minn issa 'l hemm imsejħa "Farr") appellat mill-imsemmija sentenza b'Rikors tal-Appell tas-27 ta' Ġunju, 2014, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbet li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tiddeċiedi billi, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha, tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom;

6. Illi permezz ta' Risposta tal-11 ta' Settembru, 2014, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-appellati warrbu l-aggravji kollha ta' Farr u saħqu li l-Qorti jmissha tiċħad għal kollox l-appell tagħha. Talbu wkoll li l-ammont likwidat mill-ewwel Qorti jiżdied b'aġġustament għas-somma ta' disa' mija u erbgħa ewro, wieħed u disgħin ċenteżmu (€904.91);

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell magħmula mid-difensuri tal-partijiet waqt is-smigħ tas-16 ta' Ġunju, 2020, f'liema data ħalliet l-appell għal-lum għas-sentenza;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkonsidrat:***

9. Illi din hija azzjoni għall-eżekuzzjoni ta' kundizzjoni maħsuba f'kuntratt. L-appellati qegħdin jitolbu lil Farr biex tersaq fuq kuntratt ħalli titrasferilhom medda art ta' kejl ta' għaxar metri kwadri li kienet tagħmel minn biċċa art akbar li l-appellati kisbu bis-saħħa ta' konċessjoni enfitewtika temporanja minn għand il-Kurja b'kuntratt pubbliku magħmul fi Frar tal-1989. Fost il-patti ta' dak il-kuntratt, kien hemm kundizzjoni li kienet tagħti l-jedd lill-appellati li jakkwistaw il-proprjetà sħiħa libera u franka billi, wara li jiżviluppaw l-art konċessa f'dar li marru joqogħdu fiha, jifdu ċ-ċens mhux aktar tard minn ħamsa u għoxrin (25) sena mid-data tal-istess kuntratt. Fl-2007, l-appellati xtraw id-dirett dominju tal-art li fuqha nbniet ir-residenza tagħhom, iżda mhux tal-medda art mertu tal-kawża li baqgħet mhix żviluppata. Billi, sadanittant, id-dirett dominju fuq din l-art fl-1993 għadda minn għand il-Kurja għall għand Farr, l-appellati ressqu t-talbiet tagħhom kontra l-istess kumpanija biex tidher fuq l-att notarili meħtieġ ħalli jkun jista' jsir it-trasferiment tad-dirett dominju fuq l-imsemmija medda art favur l-appellati;

10. Illi l-ewwel Qorti għarfet li bejn l-appellati u Farr hemm relazzjoni ġuridika, u li l-kundizzjonijiet fil-kuntratt tat-22 ta' Frar, 1989, jorbtu wkoll lil Farr, minkejja li ma kinitx parti fuq dak il-kuntratt. Waslet għal din il-fehma fuq is-saħħa ta' sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-25 ta' Ottubru, 2013[3], fejn sabet li fuq l-imsemmija medda art, Farr għandha

[3] Rik.Nru. 448/2006 fl-ismijiet ***Norman Cutajar et v. Farr Limited***

titolu ta' dirett dominju sa żmien speċifikat, bl-appellati jgawdu l-utli dominju għall istess żmien. Din iċ-ċirkostanza wasslet lill-ewwel Qorti biex tilqa' t-talbiet attriċi u ffissat il-korrispettiv dovut lil Farr, filwaqt li ordnatilha tidher fuq il-kuntratt għat-trasferiment tal-imsemmija medda art fuq kuntratt ippubblikat min-Nutar maħtur mill-ewwel Qorti f'jum, post u ħin imsemmija fis-sentenza appellata. Farr ħassitha aggravata bis-sentenza appellata u ressqet dan l-appell;

11. Illi Farr ressqet **tliet aggravji**: l-ewwel, li l-ewwel Qorti qalet ħażin li kien hemm rabta kuntrattwali bejn Farr u l-appellati li dawn jistgħu jinqdew biha biex jippretendu xi jeddijiet kontra Farr għaliex Farr ma kinitx parti li dehret fuq il-kuntratt tal-1989 u lanqas sar għall-ġid tagħha; it-tieni, ladarba ma kienx hemm tifsira ta' prezz fiss tal-'fidi' tal-medda art li qed jintalab lit-trasferiment tagħha, ma setax ikun hemm rabta għal tali trasferiment u għalhekk l-ewwel Qorti żbaljat meta laqgħet it-talba attriċi f'dan ir-rigward; it-tielet, ma kienx jaqa' fuq Farr il-piż li tressaq il-prova tan-nuqqas ta' reġistrazzjoni tal-wegħda ta' bejgħ għaliex l-azzjoni nfetħet mill-appellati, u għalhekk l-ewwel Qorti m'għamlitx sewwa li qalbet il-piż tal-prova minn fuq l-appellati għal fuqha;

12. Illi għal dawn l-aggravji l-appellati laqgħu billi qalu li t-trasferiment tal-art mill-Kurja lil Farr kien jgħodd fih l-obbligazzjonijiet li l-Kurja laħqet daħlet fihom mat-terzi (l-appellati f'dan il-każ), għaldaqstant dan jorbot lil

Farr ukoll. Jgħidu wkoll li l-kundizzjonijiet miftehma fil-kuntratt taċ- ċens jissussistu minkejja li ċ-ċens jinfeda. Il-kuntratt tal-1989, jistabbilixxi mekkaniżmu preċiż dwar kif għandu jinħadem il-korrispettiv, u li l-obbligazzjoni li torbothom biex jifdu ċ-ċens hija kundizzjoni ta' konċessjoni enfitewtika li għaliha ma tapplikax il-liġi dwar il-wegħda ta' bejgħ. Itennu għaldaqstant, li l-aggravji tal-appellanta għandhom jiġu miċħuda;

13. Illi **għar-rigward tal-ewwel aggravju** li ma kienet teżisti l-ebda rabta kontrattwali bejn il-partijiet jingħad li din ġiet imfissra minn Farr fid-dawl tan-nuqqas ta' ftehim dirett bil-miktub bejnha u bejn l-appellati. Tgħid li l-obbligazzjoni biex tinxtara l-art mill-appellati hija kwistjoni ta' bejn il-Kurja u l-appellati u hi m'għandha xejn x'taqsam ma' dan l-obbligu. L-ewwel Qorti ma qalitx li hemm rabta kuntrattwali bejn l-appellati u Farr, iżda li kien hemm rabta ġuridika. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dik il-kostatazzjoni toħloq xenarju għal kollox differenti minn dak li Farr tressaq fl-ewwel aggravju tagħha;

14. Illi din il-Qorti ma taqbilx mal-argument ta' Farr li, ladarba qatt ma sar kuntratt bejnha u l-appellati, allura ma teżisti l-ebda rabta ġuridika bejniethom. Huwa minnu li Farr u l-appellati ma resqu qatt flimkien fuq l-istess kuntratt, imma bl-ebda mod ma jista' jingħad li ma teżisti l-ebda rabta ġuridika bejniethom. U jekk inhu minnu li Farr tgħid li l-kuntratt tal-

1989 bejn l-appellati u l-Kurja kien għaliha *res inter alios acta*, ma tista' bl-ebda mod tgħid li tonqos ir-rabta ġuridika. Din ir-rabta ntgħarfet fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-25 ta' Ottubru, 2013, li sabet li l-medda art li kienet tinsab f'idejn Farr kienet parti mill-utli dominju favur l-appellati. F'dik il-kawża, Kemm Farr u kemm l-appellati kienu parti u l-istat li joħloq dak il-ġudikat jorbothom it-tnejn u, b'mod markat, iddetermina r-rabta bejniethom. Fil-każ ta' Farr, ma setgħetx tibqa' tiċħad il-fatt li l-medda art mixtrija minnha (mal-bqija) bħala libera u franka kienet, fil-fatt, miżmuma b'enfitewsi temporajnu mill-appellati. Min-naħa l-oħra, l-appellati kellhom jagħrfu li dik il-medda art kienet, fl-1993, għaddiet minn idejn il-Kurja għal għand Farr. Għalhekk, il-Qorti ma tarax li l-ewwel Qorti għamlet xi kunsiderazzjonijiet li jwaqqgħu waħda lill-oħra għaliex għarfet dan l-istat legali;

15. Illi, minn barra dan, din il-Qorti tqis ukoll li filwaqt li x-xiri mill-appellati tad-dirett dominju temporanju fil-2007 ġab miegħu t-tmiem tal-obbligu li jibqa' jitħallas iċ-ċens lill-Uffiċċju Konġunt (li ħa post il-Kurja meta l-artijiet tal-Knisja għaddew għand il-Gvern), id-drittjiet reali li joħorġu mill-ftehim tal-1989 fuq l-art li l-appellati akkwistaw ma ntilfux u lanqas inġabu fix-xejn[4]. Dawk ir-rabtiet u dawk il-jeddijiet, għall-anqas fir-rigward tas-sid dirett, baqgħu fis-seħħ għall-anqas sakemm damet ħajja l-konċessjoni enfitewtika. Ladarba nstab li l-kuntratt tal-2007 ma qatilx dik

[4] App. Ċiv. **22.5.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Philip Fenech et v. A&R Mercieca Limited*** u r-riferenzi hemm imsemmija f'dan ir-rigward

il-konċessjoni sa fejn tolqot il-medda ta' art mertu ta' din il-kawża, dawk il-jeddijiet u rabtiet baqgħu fis-seħħ fil-konfront ta' Farr. Fis-sewwa, li kieku l-kuntratt tal-2007 laħaq l-għan li għalih sar, l-appellati ma kienx ikollhom għalfejn jirrikorru għal din il-kawża, għaliex kienet isseħħ il-konfużjoni[5] u l-persuna tal-utilisti kienet titwaħħad ma' dik ta' direttarji. Imma minħabba li l-medda ta' art kienet ilha li għaddiet għand Farr sa mill-1993, il-kuntratt tal-2007 ma sewiex biex jintlaħaq dak l-għan, u hekk sabet din il-Qorti fis-sentenza tagħha tal-25 ta' Ottubru, 2013;

16. Illi għalhekk il-Qorti tqis li dan l-aggravju m'għandux mis-sewwa u mhux se jintlaqa';

17. Illi għar-rigward **tat-tieni aggravju**, il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-ilment. Daqqa t'għajn lill-kuntratt tal-1989 li bih l-art kienet konċessa lill-appellati, sewwasew taħt it-tielet klawsola tiegħu[6], jixhed li l-partijiet li dehru fuq dak il-kuntratt kienu fasslu l-kriterji li għandhom jintużaw biex jaslu fuq il-korrispettiv dovut għax-xiri mill-appellati tad-dirett dominju temporanju. Iċ-ċertezza li Farr tgħid li ma teżistix, fil-fatt tirriżulta bir-riżultat li t-trasferiment seta' jsir u li l-kriterji maqbula kienu jistgħu jitħaddmu f'kull waqt matul l-imsemmija ħamsa u għoxrin (25) sena li l-konċessjoni enfitewtika kienet fis-seħħ;

[5] Art. 1205 tal-Kap 16
[6] Paġ. 6 tal-proċess

18. Illi għaldaqstant, dak li qed tilmenta minnu Farr ma jirriżultax li huwa minnu, u għalhekk il-Qorti se tiċħad ukoll dan it-tieni aggravju;

19. Illi taħt **it-tielet aggravju**, Farr tilmenta li l-ewwel Qorti ċaħdet it-tieni eċċezzjoni mressqa minnha għar-Rikors Maħluf li l-wegħda ta' bejgħ ma ġietx reġistrata skont il-liġi mal-awtoritajiet kompetenti billi hija ma ressqetx il-prova tan-nuqqas ta' reġistrazzjoni. Tgħid li ladarba l-azzjoni fetħuha l-appellati, kien jispetta lilhom li jressqu l-prova;

20. Illi fis-Sentenza li tat din il-Qorti fil-25 ta' Ottubru, 2003, tqies li l-klawsola 12 tal-ftehim tal-1989 għandu aktar minn wegħda ta' bejgħ milli minn fidi ta' ċens. Jidher li dan l-aggravju huwa marbut ma' dan il-linja ta' ħsieb[7];

21. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, l-azzjoni attriċi hija waħda li titlob, fost l-oħrajn, li jinġab fil-milja tiegħu (bil-formaliżżazzjoni tal-pubblikazzjoni tal-att nutarili meħtieġ) jedd li l-appellati diġà ngħatalhom bis-saħħa tal-imsemmi kuntratt li fih innifsu huwa kuntratt definittiv li jorbot lill-partijiet u mhux sempliċi wegħda. F'kelma waħda, l-appellati flimkien ma' Farr, fiż-żmien li kien ġie miftiehem mal-Kurja, huma mistennija jwettqu l-prattiki meħtieġa sabiex dik l-għażla tissarraf fi dritt miksub. Lill-Qorti jirriżultalha li l-appellati wettqu dan kollu fiż-żmien miftiehem u dak li qegħdin jitlobu

[7] Ara wkoll per eżempju, P.A. GCD **8.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Ruth Sammut Casingena v. James Cappello et***

f'din il-kawża huwa sewwasew dak li Farr tersaq għall-pubblikazzjoni tal-att nutarili meħtieġ biex iġib fis-seħħ il-jedd tagħhom;

22. Illi l-aggravju ta' Farr jinbena wkoll fuq il-fatt li l-ewwel Qorti ċaħditilha l-eċċezzjoni relattiva dwar ir-reġistrazzjoni tal-wegħda ta' bejgħ. Kienet eċċezzjoni li qajmitha Farr u din il-Qorti ma tarax għaliex m'għandhiex tħaddem ir-regola li *reus in excipiendo fit actor*. B'hekk l-ewwel Qorti ma qalbet l-ebda piż ta' prova u, għalkemm Farr tgħid li ma kienx possibbli għaliha titgħabba bil-piż ta' prova negattiva, ma hemmx dubju li, kieku tassew riedet issostni dik l-eċċezzjoni tagħha, kellha l-mezzi probatorji fejjieda biex twassalha ssostniha bla ebda tbatija;

23. Illi għaldaqstant il-Qorti mhix sejra tilqa' dan l-aggravju għaliex ma tarahx li għandu mis-sewwa;

24. Illi fl-aħħar nett, fir-Risposta għar-rikors tal-appell, l-appellati fir-rigward tat-tieni aggravju w wara li jilqgħu għall-istess aggravju, jgħidu wkoll li l-ammont li waslet għalih l-ewwel Qorti bħala korrispettiv huwa maħdum b'mod żbaljat billi l-ewwel Qorti naqset li tagħmel il-konverżjoni bejn il-liri Maltin u l-Ewro. Huma jitolbu r-riforma tas-sentenza biex jirrifletti dan l-istat ta' fatt;

25. Illi l-Qorti tqis li dan mhux il-mod kif għandha tittressaq talba għar-riforma ta' sentenza. Ma kien hemm xejn x'iżomm lill-appellati milli, flimkien mar-Risposta tagħhom u fl-istess att, iressqu wkoll appell inċidentali fis-sura li trid il-liġi[8] w jindirizzaw kif imiss l-ilment tagħhom. Ladarba dan m'għamluhx, il-Qorti mhix sejra tqis it-talba tal-appellati;

**Decide**

26. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad l-appell** tal-kumpanija intimata appellanti u, wkoll jekk mhux għall-istess raġunijiet mogħtijin mill-ewwel Qorti, tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Ġunju, 2014, fil-kawża fl-ismijiet premessi, b'dan illi ż-żmien mogħti fis-sentenza appellata li fih irid isir il-kuntratt pubbliku jibda għaddej mil-lum. Bl-**ispejjeż** ta' dan l-appell jitħallsu mill-istess appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb

[8] Art. 240 tal-Kap 12